**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 25 t' April 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**Vs**

**DUNCAN PAUL SCIBERRAS**

**KUMP NU : 354/2020**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Duncan Paul Sciberras detentur tal-karta tal-identita numru 415687M, fejn gie akkuzat talli nhar it-22 ta' Gunju 2020 ghall-habta ta' bejn 17:30hrs u 18:00hrs gewwa Triq Gilormu Cassar, il-Belt Valletta:

1. ikkommetta serq minn fuq mutur bin-numru ta’ registrazzjoni GAB070 ghad-dannu ta’ Gabriel Schembri u/jew persuni ohra liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba w disghin centezmu (€232.94) izda huwa anqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ai termini tal-artikoli 261, 263, 264, 271(g), 278, 279(a), 280(2) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta,

2. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe hsara fuq mutur bin-numru ta’ registrazzjoni GAB070 liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt euro (2,500), iżda hija iżjed minn mitejn u ħamsin euro (250) ghad-detriment ta’ Gabriel Schembri u/jew persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (1b) tal Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli bejn 19:30hrs tal-15 ta’ Gunju 2020 u is-18:00hrs tas-16 ta’ Gunju 2020 min gewwa Triq Wied il-Ghajn, Zabbar:

**3.** ikkommetta serq ta’ mutur bin-numru ta’ registrazzjoni FAG783 tal-ghamla Honda ghad-dannu ta’ John Camilleri u/jew persuni ohra liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba w disghin centezmu (€232.94) izda huwa anqas minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ai termini tal-artikoli 261, **2**71(g), 279(a), 280 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fit-28 ta’ Lulju 2020 u fix-xhar ta’ qabel f’dawn il-gzejjer:

**4.** xjentement lqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun imdahhal biex tbieghhom jew tmexxuhom liema reat jikkonsisti f'serq li huma aggravat bil-mezz, bil-hin, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa dan ai termini tal-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

5. volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe hsara fuq mutur bin-numru ta' registrazzjoni FAG783 liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt euro (2,500), iżda hija iżjed minn mitejn u ħamsin euro (250) ghad-detriment ta' John Camilleri u/jew persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 325 (1b) tal Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. soqt mutur tal-għamla Honda C70 Z bin-numru ta' reġistrazzjoni FAG783 mingħajr ma' kont kopert b' polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni dan ai termini tal-artikolu 3(1) tal-Kap 104;

7. bħala sid mutur ta' għamla Honda C70 bin-numru ta' reġistrazzjoni FAG783 inqast li tara li jkollha dejjem u f'kull żmien il-liċenzja ta' ċirkolazzjoni maħruġa mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta dan ai termini ta' Reg.14(3) L.S.368.02;

8. u aktar talli ikkommetta reat fil-perjodu ta' sentenza li inghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. C. Farrugia Frendo LL.D nhar it-22 ta' Marzu 2019 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar (art 22 Chp446);

9. u aktar talli ikkommetta reat fil-perjodu ta' sentenza li inghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. S. Grech LL.D nhar

it-12 ta' Novembru 2019 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (art 22 Chp446).

Il-Qorti hija mitluba titratta mal-imputat Duncan Paul Sciberras li rrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati, liema sentenza saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula u dan bi ksur tal-artikoli 49 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba wkoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkużata għal ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza titmexxa u tigi deciza bir-rit sommarju (ara folio 9);

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza tallum stess, ghall-imputazzjonijiet 1, 2, 3, 5, 6, 7, 8 u 9 kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak verbalizzat mill-prosekuzzjoni illi, in vista ta` l-ammissjoni ta` l-imputat, l-imputazzjoni numru 4 kienet inghatat bhala wahda alternattiva ghall-imputazzjonijiet tas-serq;

Qieset dak ivverbalizzat f'dik l-udjenza stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena/sanzjoni.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti u l-evidenza mressqa li lkoll jikkonfortaw din l-ammissjoni tieghu, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta` sanzjoni l-Qorti qieset is-segwenti fattur rizultanti.

1. Is-serjeta` ta` l-imputazzjonijiet migjuba.
2. L-ammissjoni fl-udjenza ta` llum stress li ghalkemm ma tistax titqies bhala wahda bikrija, xorta wahda qed tinghata piz;
3. Fuq kollox, id-depozizzjonijiet tal-haddiema socjali Agenzija Sedaq Jeanelle Boffa, tal-15/09/2020, 14/10/2020, 25/06/2021, 06/09/202, 16/02/2022 u tallum stress 25/04/2022, kif ukoll id-depozizzjoni tat-

Tabib Gianluca Bezzina tal-25/06/2021. Dawn ghandhom piz sostanzjali f'dan l-istadju tal-kontemplazzjoni ta' x'ghandha tkun l-ahjar sanzjoni f'dan il-kaz.

A bazi ta` dan kollu, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-imputat, huwa kandidat tajjeb sabiex jinghata ***a window of opportunity*** - (vide Appell Kriminali Nru 245/2000 VDG, 'Il-Pulizija vs George Farrugia', deciza 18/01/2001).

Illi, fid-dawl ta` dak hawn fuq espost, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkonsidra sanzjoni alternattiva ghal dik ta' prigunerija u hi tal-fehma, liema fehma hija msejsa fuq l-informazzjoni dettaljata moghtija dwar l-imputat fid-depozizzjonijiet gia hawn fuq imsemmija, li l-imputat ghandu jinghata ordni ta' *probation* flimkien ma ordni ta` trattament, liema sanzjoni, fil-fehema ta` din il-Qorti, hija gusta u ekwa, u li tindirizza l-htigijiet ta` l-imputat (li jinghata direzzjoni u jkollu fuqu kontroll) u tas-socjeta` in generali, aktar minn dik ta' prigunerija.

Ghalhekk, sabiex l-ghan ahhari tal-Gustizzja jintlahaq f'dan il-kaz, hija l-fehema ta` din il-Qorti li ghandu jkun hemm, fil-konfront ta` l-imputat, Ordni ta' Probation fil-massimu taghha skond l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-ghan li f'dan il-perjodu huwa jindirizza certu aspetti fil-hajja tieghu, kif ukoll Ordni ta' trattament. B'hekk ikun jista' jigi zgurat li l-imputat jinghata gwida adekwata, filwaqt li jkun hemm element ta' deterrent qawwi.

**KONKLUZJONI.**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI, WARA LI RAT L-ARTIKOLI 17, 31, 49, 261, 263, 264, 271(G), 278, 279(A), 280, 280(2), 325(1B), 289 U 533 TAL-KAPITOLU**

**9, L-ARTIKOLU 3(1) TAL-KAPITOLU 104, L-ARTIKOLU 22 TAL-KAPITOLU 446, ILKOLL TAL-LIGIJIET TA' MALTA, KIF WKOLL REG 14(3) L.S 368.02, FILWAQT LI TASTJENI MILLI TIEHU KONJIZZJONI TAL-IMPUTAZZJONI NUMRU 4, STANTE LI DIN INGHATAT BHALA WAHDA ALTERNATTIVA GHAL IMPUTAZZJONIJIET OHRA, ISSIB U TIDDIKJARA LILL-IMPUTAT DUNCAN PAUL SCIBERRAS HATI, FUQ AMMISSJONI TIEGHU STESS, TA` L-IMPUTAZZJONIJIET 1, 2, 3, 5, 6, 7, 8 U 9 KIF DEDOTTI KONTRA TIEGHU U MINFLOK PIENA;**

1. **tordna** li, *ai termini* ta' Arikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa jitqieghed taht Ordni ta' *Probation* taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-*probation* ghal tliet (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonjiet li jidhrilhom li ghandhom jimponu, minn zmien ghal zmien, l-ufficcju tal-probation.

   Dan l-ordni qed isir wara li l-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-importanza ta' din l-ordni u wissietu x'inhuma l-konsegwenzi jekk huwa ma' joqghodx ghal kundizzjonijiet ta' dan l-ordni u accertat ruhha li l-istess hati accetta li joqghod ghall-kundizzjonijiet ta' dan l-ordni.

2. **Ordni skond l-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.**

   Bis-sahha u ai termini ta` l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Qorti qeghda bil-prezenti taghmel Ordni ta` trattament fil-konfront tal-hati **Duncan Paul Sciberras** u dana l-Ordni ghandu jibqa fis-sehh ghall-perjodu ta` tlett (3) snin, li jibdew jiddekorru mill-mument li din il-kawza tghaddi in gudikat, u dana l-Ordni ghandu jsehh skond il-pjan imfassal mill-professjonisti skond id-direzzjonijiet tal-ufficju tal-probation;

Il-Qorti fissret lil **Duncan Paul Sciberras** fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jikser l-ordni ta` trattament impost fuqu.

3. Inoltre, bis-sahha tal-Ligi, l-Qorti tordna lill-ħati li jħallas id-danni sofferti mill-vittmi taht id-direzzjoni ta` l-ufficjal tal-probation u allura din l-Ordni hija meqjusa bhala parti integrali mill-Ordni ta` Probation.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur *Probation and Parole* sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Duncan Paul Sciberras.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur